MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Numru. 549/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Antonia Borg

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Antonia Borg ta' 65 sena, bint Anthony u Louisa nee Zerafa, imwielda Zurrieq fit-28 ta' Dicembru 1942, u residenti Flat 2, Triq Dun Luret Callus Bini tal-Gvern, Ent. B, Zebbug, Malta, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 22343(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

1) B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ aktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta’ Lourdes Cachia, detentrici tal-karta ta’ l-identita 200137(M). (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2) Approprjat ruha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor, li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu illi igib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ approprjat ruhha minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn LM1,000, liema flejjes jappartjeni lil Lourdes Cachia, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, indusrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3) talli irceviet passaport bin-numru 703644 liema passaport gie transferit lilha minn persuna ohra; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta);

4) xjentement laqghet ghandha passaport bin-numru 703644 li jappartjeni lil Lourdes Cachia detentrici tal-karta ta’ l-identita 200137 (M) mehud b’qerq jew akkwistat b’reat (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 23 ta’ Gunju, 2005 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputata, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-

kompetenza taghha fuq referuta kif jirrizulta mill-ezami li sar fit-3 ta' Novembru, 2005 *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Frar, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-istess imputata l-Qorti tiddikjara li qed issibha hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li kif verbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2007 intlahaq ftehim bejn l-imputata u l-parti leza dwar ir-rifuzjoni ta' l-ammont in kwistjoni, l-ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fedina penali netta ta' l-imputata u jidrilha li l-piena karcerarja ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum. Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 24 tal-Kap 446, l-imputata qed tigi ordnata tirrifondi lura lil Lourdes Cachia is-somma ta' LM1,070 liema ammont ghandu jithallas f'pagamenti rateali ta' hamsin liri Maltin (LM 50) fl-ahhar ta' kull xahar bl-ewwel pagament ikun dovut illum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------